# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 89/05/2 PC**

**Emmanuel u Rose konjuġi Cardona**

**v.**

**Derek Cardona**

1. L-atturi huma l-ġenituri tal-konvenut, u permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 26 ta' Mejju, 1999, kienu ttrasferew lill-konvenut l-arja sovraposta għall-garaxx f'Kerċem, Għawdex, u l-arja sovraposta għall-garaxx ieħor mibni fuq l-istess biċċa ta' art lil ħuh Brian Cardona. Fil-kuntratt ta' donazzjoni ġiet inkluża klawsola li taqra hekk: "Id-donatarji jintrabtu li jipprestaw lid-donaturi gratwitament is-servizzi, kuri u

assistenzi li jkunu jinħtieġu sa mewthom u li ma jirrikoverawhomx f'xi sptar għajr għal skopijiet ta' kura." L-atturi jsostnu li l-konvenut mhuwiex qiegħed josserva dan l-obbligu billi ma pprestax u mhuwiex jippresta dawk is-servizzi, kura u assistenza li huwa ntrabat li jippresta, u li anzi huwa ħati ta' diversi atti ta' moħqrija u krudelta`. L-atturi jippretendu għalhekk li għandhom id-dritt li jirrexxindu l-kuntratt tas-26 ta' Mejju, 1999, safejn dan għandu x'jaqsam mal-konvenut.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi huwa ma wettaqx u mhux qiegħed iwettaw l-obbligu li huwa assuma li jwettaq fil-kuntratt datat 26 ta' Mejju 1999, u senjatament ma huwiex jippresta dawk is-servizzi, kuri u assistenzi lill-atturi u li huwa intrabat li jagħmel;
>
> 2. Konsegwentement tirexxidni dan il-kuntratt ta' donazzjoni fir-rigward tal-konvenut;
>
> 3. Tappunta Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta' rexxissjoni u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi."

3. Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia,* li mhux minnu li huwa xi darba rrifjuta li jagħti gratwitament is-servizzi, kura u assistenzi li l-ġenituri tiegħu kienu jeħtieġu, li mhuwiex minnu li huwa sar ħati fil-konfront tal-ġenituri tiegħu ta' xi att ta' moħqrija u krudelta` kif allegat minnhom, u li l-patt kontenut fil-paragrafu numru (1) tal-kuntratt tas-26 ta' Mejju, 1996, ma jammontax għal patt riżoluttiv u għalhekk l-atturi m'għandhomx id-dritt li jitolbu ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Frar, 2017, ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant, u peress li ma jirriżultax li t-talbiet tal-atturi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi."

5. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-1 ta' Marzu, 2017, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. Il-konvenut appellat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-23 ta' Marzu, 2017, permezz ta' liema ssottometta li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

7. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li huma kienu għamluha diffiċli għall-konvenut sabiex jirrendilhom serviġi. Jargumentaw li mill-provi jirriżulta li huma jbagħtu minn diversi kondizzjonijiet mediċi li l-konvenut kien jaf bihom u kompla żiedhom, minflok ma ra kif għamel biex itaffi l-problemi. Bħala eżempju ta' dan jgħidu li ma ġewx mistiedna għat-tieġ tiegħu tal-konvenut u lanqas ma l-konvenut urihom lin-neputija

tagħhom tant li kellhom jiksbu ritratt mingħand terzi. Jgħidu li l-animu tal-appellant jidher ċar mill-kitba tiegħu esebita a *fol.* 31A tal-proċess u li kkonsidrat kemm hu kbir l-attrit ta' bejn il-partijiet diffiċli li wieħed jifhem kif is-serviġi prospettati fil-kuntratt ta' donazzjoni ser jiġu prestati mill-konvenut, u li l-Ewwel Qorti stess irrikonoxxiet li huwa kważi impossibbli li tikkontempla kif il-konvenut jista' jagħti din l-assistenza lill-atturi. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti tat wisq piż għal dak li kellu jitlef il-konvenut kieku kellha tordna li jinħall il-kuntratt safejn jirrigwarda l-konvenut, u jżidu li l-Artikolu 1069 tal-Kodiċi Ċivili jagħtihom il-fakulta li jagħżlu bejn li jenforzaw l-obbligazzjoni tal-konvenut jew ixolju l-kuntratt. Isostnu li anke l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li parti mir-raġuni għall-problemi bejn il-kontendenti kienet tort tal-konvenut, u għalhekk kienet żbaljata meta m'għaddietx biex tilqa' t-talbiet tagħhom.

8. Permezz tat-tieni aggravju mbagħad jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma ordnatx il-ħall tad-donazzjoni mogħtija lill-konvenut minħabba ingratitudni u moħqrija. Jgħidu li l-moħqrija li jilmentaw minnha tikkonsisti fl-attitudni tal-konvenut lejhom, fin-nuqqas ta' rispett lejhom, fil-fatt li ma stidinhomx għat-tieġ, ma wrihomx lil bintu u l-kitba a *fol* 31A tal-proċess fil-konfront ta' ħutu. Iżidu li b'din l-attitudni tiegħu il-konvenut iżid id-dipressjoni ta' ommu minflok ma jgħinha. Jargumentaw li l-ingratitudni konsistenti f'moħqrija bdiet żmien qabel ma

nbdew dawn il-proċeduri, baqgħet għaddejja tul is-snin u għadha tipperdura sallum il-ġurnata.

9. L-appellat jgħid li għalkemm huwa minnu li r-riġettazzjoni tiegħu mill-ġenituri tiegħu nibtet ċertu dispjaċir fih, huwa dejjem baqa' konxju mill-fatt li huma l-ġenituri tiegħu u dejjem baqa' jittama li jiġi aċċettat lura minnhom. Jgħid li kien għalhekk li meta l-appellanti kienu bagħtulu ittra uffiċjali biex jersaq għar-rexxissjoni tad-donazzjoni mogħtija lilu, hu kien pront jirrispondihom li kien minn dejjem lest jgħinhom u jżid li huwa fil-fatt għadu lest li jgħinhom. Ikompli li kienu l-appellanti li għażlu li ma jirrispondux u ma jippruvawx isewwu r-relazzjoni ma' binhom, u ma jgħidulux biex seta' jgħinhom, iżda minflok għażlu li jagħmlu din il-kawża. Fir-rigward tan-nota fil-*file* mediku tal-appellanti Rose Cardona dwar ir-relazzjoni tagħha mal-appellat, jgħid li mix-xhieda ta' Dr. Nathalie Gatt Ellis jirriżulta li din in-nota tirrifletti biss x'kienet qalet ommu dwar ir-relazzjoni tagħhom, u għalhekk ma tikkostitwixxi l-ebda prova oġġettiva. L-appellat isostni li l-Ewwel Qorti kienet altru milli korretta meta qalet li kienu l-atturi nfushom li għamluha prattikament impossibbli għalih li jissodisfa l-obbligi tiegħu, u li huwa ma kienx qiegħed jirrifjuta li jwettaqhom inġustament.

10. Fir-rigward tat-tieni aggravju jargumenta li t-terminu "ingratitudni" wżat fl-Artikolu 1787 tal-Kodiċi Ċivili għandu tifsira ristretta, u ma jfissirx

sempliċi nuqqas ta' rikonoxximent, iżda jirrikjedi xi ħaġa ferm aktar gravi. Isostni li l-leġislatur jikkonsidra rexxissjoni ta' donazzjoni minħabba ingratitudni bħala eċċezzjoni strettissima għall-prinċipju ġenerali li d-donazzjoni hija rrevokabbli, u għalhekk ir-raġunijiet ta' ingratitudni li jinsabu elenkati fis-sub-paragrafi tal-Artikolu 1787 għandhom jiġu nterpretati b'mod ristrettiv ħafna. Jgħid li att ta' moħqrija huwa kompletament differenti minn sempliċi traskuraġni, u anke jekk il-Qorti taċċetta li l-atti li qed jallegaw l-appellanti verament seħħew, dawn ma jammontawx għall-moħqrija, u fuq kollox huma ġustifikabbli u perdonabbli. Jargumenta li huwa ma kellux alternattiva ħlief li ma jistidinx lill-ġenituri tiegħu u ħutu għat-tieġ tiegħu għaliex kienet iġġustifikata l-biża tiegħu li huma setgħu jisfrattaw it-tieġ b'xi mod jew ieħor. Jgħid ukoll li kien ġustifikat li ma jieħux lil bintu għand l-appellanti għaliex b'hekk kienet ser tiġi esposta għal diskors dispreġġattiv u insinwazzjonijiet kontra ommha, u li meta missieru kien ġie rikoverat l-isptar wara inċident huwa kien mar iżuru bit-tama li dan ikun l-ewwel pass għar-rikonċiljazzjoni iżda kien ġie mkeċċi.

11. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fil-mertu mbagħad l-atturi qed jinvokaw kondizzjoni li d-donanti kienu mponew fil-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni fis-sens illi:
>
> > "(1) Id-donatarji jintrabtu li jipprestaw lid-donanti gratwitament is-servizzi, kuri, u assistenzi li jkunu jinhtiegu sa mewthom u li ma jirrikoverawhomx f'xi sptar ghajr għal skopijiet ta' kura."

Bil-ħames eccezzjoni tiegħu l-konvenut jissottometti li l-kontenut ta' dan il-paragrafu ma jammontax għal patt riżoluttiv fit-termini tal-liġi. Imma l-Baudry jgħallem f'dan ir-rigward illi:

> " Il contratto di donazione e' per sua natura unilaterale cioe' non produce obbligazioni che per una sola delle parti, il donante…
>
> Esso diventa bilaterale o sinallagmatico, quando impone degli oneri al donatario, poiche' produce allora delle obbligazioni a carico delle due parti che vi figurano… Onde in questo caso l'art.953 [Cod.civ.it.art.1078] gli applica la regola generale scritta nell'alinea 1 dell'art. 1184 [Cod. civ. it. art. 1165]
>
> A termini di quest'articolo:
>
> > 'La condizione risolutiva e' sempre sottintesa nei contratti sinallagmatici nel caso in cui una delle parti non soddisfacesse al suo impegno.'…
>
> Cosi' per esempio, vi ho fatto donazione di meta' del mio giardino, coll'onere da parte vostra di stabilire a vostre spese un muro di separazione fra la parte che ritengo e quella di cui mi spoglio a vostro beneficio; voi rifiutate di costruire il muro. Io potro' agire contro di voi per la rivocazione della donazione, cioe' avro' il diritto di domandare che questa donazione sia risolta. La legge suppone che cio' sia stato tacitamente convenuto fra noi, e, facendosi interprete della volonta', essa sottintende nel contratto una clausola di risoluzione, una condizione relattiva,…contro quella delle due parti che manchera' al suo impegno."
>
> Il-liġi tagħna hija simili f'dan ir-rigward, u tikkontempla sitwazzjonijiet fejn donazzjoni tista' tiġi mħassra bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva, espressa jew taċita, fl-artikolu 1785 tal-Kap. 16, għall-liema kondizzjoni huma mbagħad applikabbli l-artikoli 1066, 1067, 1068 u 1069 tal-istess Kodiċi. Għalhekk, m'hemmx dubbju li l-kondizzjoni in kwistjoni, li kienet ġiet imposta mid-donanti fuq binhom il-konvenut, kienet waħda riżoluttiva taċita, kif imfissra hawn fuq. A tenur tal-artikolu 1069 tal-Kap. 16, l-atturi, minflok ma fittxew li jġagħlu lill-konvenut iwettaq l-obbligazjoni tiegħu, għażlu li jitolbu li jinħall il-kuntatt sa fejn jirrigwarda lilu. Jibqa' għalhekk sabiex jiġi ndagat jekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jikkonkorrux l-estremi meħtieġa biex it-talba tal-atturi tkun tista' tiġi milqugħa u d-donazzjoni magħmula minnhom lill-konvenut tiġi mħassra.

Kif jispjega il-Laurant, "…L-inadempimento delle condizioni implica una colpa da parte del donatario; la risoluzione si chiede come conseguenza di questa. Occorre dunque che il giudice intervenga per constatare se la colpa esiste. Non vi e' che un punto di fatto da esaminare; la condizione e' stata o non e' stata adempiuta cosi' come il contratto voleva? E una questione preliminare da cui la risoluzione dipende; percio' e' necessario l'intervento del giudice, dal momento che vi e' contestazione. Questo secondo motivo non e' che accessorio, poiche' puo' accadere che il donatario riconosca di non aver eseguito l'onore. Cio' non toglie che la domanda debba essere

portata innanzi ai tribunali; rimane sempre a vedere se vi sia colpa, e questo apprezzamento richiede l'intervento del magistrato."

Ġara li l-inkwiet bejn il-kontendenti jidher li nqala' hekk kif l-atturi saru jafu li l-konvenut beda jkellem tfajla mix-Xagħra, ċerta Angele Bonello. Għalkemm għall-bidu laqgħuha f'darhom, jidher li xejn ma kienu kuntenti biha. Qabel, il-konvenut kien anke jieħu ġranet leave mix-xogħol sabiex ikun jista' jagħmel il-faċendi li kienet titolbu ommu. Il-flus li kien jaqla' kienet iżommomlu ommu, li kienet tagħtih biss xi ħaġa minnhom biex jiddobba. Kellha wkoll il-prokura tiegħu, u kienet saħansitra tamministralu l-kontijiet bankarji tiegħu. Lanqas mal-ġenituri ta' din it-tfajla ma kellhom relazzjoni tajba. Fl-okkazzjoni tal-festin tal-għerusija, l-atturi u ħut il-konvenut telqu 'l barra qabel ma nqasam il-cake. L-attriċi tgħid li ma kinitx tiflaħ.

Ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti mbagħad komplew jeħżienu, tant li f'okkazzjoni minnhom il-konvenut u ħuħ Brian ġew anke fl-idejn, u l-konvenut spiċċa telaq mid-dar tal-ġenituri tiegħu u mar joqgħod għand il-ġenituri tat-tfajla tiegħu. L-attriċi pproduċiet paġni minn djarju b'xi kliem dispreġġjattiv fil-konfront ta' terzi, inklużi uliedha l-oħra. Il-konvenut ammetta li kien kitibhom hu. Pero' ma fihom xejn kontra l-ġenituri tiegħu. Il-konvenut jgħid li tkeċċa mid-dar, mentru l-attriċi tgħid li telaq minn jeddu. Fi kwalunkwe każ, il-konvenut ma reġgħax irritorna d-dar, u l-komunikazzjoni bejnu u l-familja tiegħu kważi nqatgħet għal kollox, tant li dawn lanqas biss kienu mistednin għat-tieġ tiegħu. Il-konvenut jgħid li beża' li jisfrattawlu kollox, u kellu anke jikri s-servizzi ta' żewġ pulizija biex joqgħodulu għassa.

Sadanittant irriżulta li l-attur kellu inċident fejn weġġa' bil-moħriet u ġie operat f'siequ. Minħabba f'hekk għamel xi żmien rikoverat l-isptar u lura d-dar kellu joqgħod xhur fis-sodda sakemm irkupra. L-atturi jilmentaw li l-konvenut mar darba waħda biss iżuru l-isptar, u dan għal ħames minuti biss. Minn naħa l-oħra, l-konvenut jgħid li mar hekk kif sar jaf x'kien ġara mingħand qassis. Mar mal-għarusa tiegħu, imma din qagħdet barra biex ma jinqalax inkwiet. Pero' xorta waħda ma felaħx joqgħod iżjed fejn missieru bil-kummenti kollha li l-familja tiegħu bdiet tgħaddilu.

L-attriċi tbati bil-kondizzjoni tad-depression, u din twassalha biex kull tant żmien tagħmel diversi ġranet fis-sodda fejn allura tkun teħtieġ l-għajnuna u min idur biha. L-atturi jilmentaw li la meta missieru kien jeħtieġ din l-għajnuna, wara li ġie operat f'siequ, u wisq inqas meta ommu kienet tkun fis-sodda minħabba l-kondizzjoni tagħha, l-konvenut qatt ma resaq lejn id-dar biex joffri l-assistenza tiegħu, li allura kienet tingħata lilhom miż-żewġ ulied l-oħra.

Kien hemm xi tentattivi biex il-partijiet jirrikonċiljaw, u dan permezz tal-assistenza ta' żewġ qassisin, li wieħed minnhom, il-Monsinjur Eucharistico Sultana anke tressaq biex jixhed. Jidher pero' li għall-atturi kondizzjoni ewlenija għal din ir-rikonċiljazzjoni kienet li d-

donazzjoni lill-konvenut tiġi rexissa, ħaġa li l-konvenut qatt ma kien dispost li jaċċetta, iżjed u iżjed wara li kien żviluppa l-arja li kienet ġiet mogħtija lilu f'binja li, wara kollox, spiċċa lanqas ma għandu aċċess għaliha, għax il-bieb ta' barra ġie imbarrat mill-atturi stess. Madankollu, ftit xhur qabel ma ġiet intavolata din il-kawża l-konvenut bagħat ittra lill-atturi, permezz tal-legali tiegħu, fejn wera r-rieda tajba għal rikonċiljazzjoni, u d-disposizzjoni tiegħu li jagħti l-għajnuna li tkun meħtieġa lill-ġenituri tiegħu, veru b'ċerti kondizzjonijiet, li pero', fiċ-ċirkostanzi, wieħed jista' jgħid li kienu raġonevoli. Imma r-reazzjoni tal-atturi għal din l-offerta kienet il-kawża presenti li ġiet intavolata ftit xhur wara. Minn naħa tagħhom ma rriżultax li l-atturi qatt għamlu xi talba formali jew mod ieħor lill-konvenut biex jagħtihom l-assistenza li minn żmien għal żmien setgħu kienu jirrikjedu. Anzi l-unika nterpellazzjoni li għamlulu kienet biss permezz tal-ittra biex jersaq għar-rexissjoni ta' din id-donazzjoni.

F'din is-sitwazzjoni xejn pjaċevoli, jidher li l-atturi għamluha ferm diffiċli għall-konvenut biex jirrendilhom is-serviġi li kienu jeħtieġu kif intrabat li jagħmel fl-att ta' donazzjoni in kwistjoni. Sakemm ma kienx ser ikun hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, huwa kważi mpossibli tikkontempla kif setgħet tingħata din l-assistenza, bil-ġlied u tgħajjir reċiproku kontinwu. Terġa' l-kondizzjoni li l-konvenut jgħaddi lill-atturi l-binja li kien tella' fuq l-arja lilu donata, ċertament kienet l-akbar ostakolu għal din ir-rikonċiljazzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, u b'applikazzjoni tal-bran hawn fuq ċitat mill-Laurant, ma jirriżultax li l-ħtija għal dak li ġara tista' tiġi mgħobbija unikament fuq il-konvenut, tant li għandha twassal għall-konsegwenza hekk gravi li dan jitlef il-proprjeta' li kienet ingħatalu, bil-bini ta' fuqha b'kollox.

Il-kontendenti, fin-noti ta' sottomissjonjiet rispettivi tagħhom, jagħmlu referenza ukoll għall-possibilita' li din id-donazzjoni tiġi rexissa minħabba ingratitudini tal-konvenut. Imma, ġialadraba it-talba ewlenija tal-atturi, kif espressa fiċ-ċitazzjoni tagħhom, kienet tirrigwarda biss ir-raġuni li l-konvenut ma wettaqx l-obbligi tiegħu kif indikati fil-kuntratt relattiv, kwalukwe eżami ta' din ir-raġuni tkun biss waħda ultra petita."

### *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

12. L-atturi qegħdin jitolbu li tiġi revokata donazzjoni li kienu taw lil binhom il-konvenut fl-1999. Fil-kuntratt ta' donazzjoni kien ġie stipulat li d-donazzjoni kienet qed issir bil-patt li l-konvenut jippresta "lid-donaturi gratwitament is-servizzi, kuri u assistenzi li jkunu jinħtieġu sa mewthom u

li ma jirrikoverawhomx f'xi sptar għajr għal skopijiet ta' kura." L-atturi jsostnu li l-konvenut naqas mill-obbligu kuntrattwali assunt minnu, u li huwa mpossibbli għall-konvenut li jadempixxi l-istess obbligu peress li r-relazzjoni ta' bejniethom hija ormai ineżistenti, kif konstatat mill-Ewwel Qorti stess. L-atturi pero` ma jaqblux mal-Ewwel Qorti li kienu huma li primarjament ħolqu d-diffikultajiet eżistenti fir-relazzjoni tagħhom mal-konvenut, u jgħidu li l-verżjoni tal-konvenut mhijiex kredibbli u hija sorretta biss mix-xhieda tiegħu, ta' martu u ta' omm martu li skont huma għandhom interess li jixhdu favur il-konvenut sabiex id-donazzjoni in kwistjoni tibqa' fis-seħħ.

13. Wara li għarblet bir-reqqa l-provi prodotti miż-żewġ partijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li kienu l-atturi li primarjament taw lok għall-animożita` bejn il-partijiet. Din il-Qorti tqis kredibbli l-verżjoni mogħtija mill-konvenut li l-attriċi kienet ferm dominanti u kontrollanti, attitudni din li hija kkonfermata anke mill-mod kif l-attriċi kienet iġġib ruħha mal-konvenut meta kienu għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf. Mill-provi jirriżulta filfatt li l-attriċi kellha *power of attorney* li hija kienet tuża sabiex tamministra u tikkontrolla l-finanzi tal-konvenut meta kien maġġorenni u kellu aktar minn għoxrin sena. Jirriżulta li fil-fatt il-konvenut lanqas kien jaf kemm kellu flus il-bank dak iż-żmien, għaliex kienet ommu li kienet tamministra u tqassam il-paga tiegħu, filwaqt li tagħtih parti żgħira mill-flus bħala "*pocket money.*" Jirriżulta inoltre li meta

l-konvenut kien beda joħroġ ma' tfajla li llum il-ġurnata hija martu, xi żmien wara li saret id-donazzjoni in kwistjoni, ommu kienet tibgħat lil ħut il-konvenut sabiex imorru d-dar tal-ġenituri tat-tfajla tiegħu biex jaraw fejn qiegħed u joħduh lura d-dar, minkejja li dak iż-żmien l-attur kellu l-fuq minn għoxrin sena u ma jidhirx li kien hemm xi raġuni valida li tiġġustifika dan it-trattament kontrollanti u li żgur kien umiljanti għall-konvenut li diġa` kellu l-eta` tiegħu.

14. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ir-retroxena tar-relazzjoni bejn l-atturi u l-konvenut meta kienu għadhom joqogħdu taħt l-istess saqaf tkompli tikkonferma l-veraċita` tal-verżjoni tal-konvenut li l-inkwiet bejniethom inqala' proprju għaliex l-atturi m' aċċettawx lit-tfajla li kien joħroġ magħha l-attur (li llum hija martu), u komplew jostinaw ruħhom li ma jaċċetawhiex minkejja li kien ċar li l-konvenut kien iħobb lil din it-tfajla u kellu intenzjonijiet serji fil-konfront tagħha li ma kinux ser jisparixxu sempliċiment għaliex il-ġenituri tiegħu m'għoġbithomx. Il-Qorti tosserva li din l-animożita` li l-konvenut jgħid li kien hemm fil-konfront ta' martu hija kkorroborata anke mill-mod kif l-attriċi u ħut il-konvenut kienu jirreferu għaliha fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti, fejn ġeneralment kienu jużaw kliem bħal "dik il-mara"[1] u "dik il-persuna"[2] minflok ma jirreferu għaliha b'isimha jew imqar bħala mart il-konvenut. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda jirriżulta li l-attriċi kellha

[1] Kontro-eżami tal-attriċi (*fol.* 118).
[2] Kontro-eżami ta' Brian Cardona (*fol.* 172).

attitudni ferm ostili lejn il-konvenut, martu u ommha waqt is-seduti tant li kien hemm numru ta' istanzi fejn ġiet imwissija li ser titkeċċa mill-awla jekk tibqa' tippersisti bil-kummenti tagħha lejn ix-xhieda. Il-Qorti tqis ukoll korroborattiva tal-verżjoni tal-konvenut x-xhieda tal-attriċi dwar ir-rigali li kienet tatha martu, fejn l-attriċi tgħid li l-brazzuletta li kienet qalgħet irritornatilha lura filwaqt li r-rigali li jikkonsistu f'dekorazzjoni tad-dar kollha misterjożament inkisru (*fol.* 115 – 116). F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax tonqos milli tinnota r-riluttanza ta' Brian Cardona li jixhed dwar ir-relazzjoni li kellha ommu mat-tfajla li kien joħroġ magħha, tant li rrifjuta li jirrispondi domandi dwar kif kienu jmorru flimkien għaliex "Affarijiet personali se nżommhom għalija" li jagħti lil din il-Qorti x'tifhem li din ma kinitx l-ewwel darba li l-attriċi kellha l-problemi mal-mara magħżula minn xi ħadd minn uliedha.

15. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attriċi u ħut il-konvenut kienu pjuttost inkosistenti fix-xhieda tagħhom.

**i.** Il-konvenut xehed li l-bieb tal-proprjeta` li nbniet fuq l-arja donata kien ġie abbużivament imbarrat sabiex ma jkunx jista' jaċċedi ġo din il-proprjeta`. Din il-verżjoni tal-konvenut tinsab ukoll ikkonfermata mir-ritratti li ġew preżentati in atti li juri li l-bieb tal-fond li ġie mibni fuq l-arja donata lilu mill-atturi mbarrat bil-ġebel. Mix-xhieda ta' ħu l-konvenut James Cardona jirriżulta li kienu hu u l-attur Emmanuel

Cardona li mbarraw il-bieb bil-ġebel (*fol.* 142) u ċioe` li ħadu l-liġi b'idejhom u ċaħdu lill-konvenut mill-aċċess għal dan il-fond waqt li din il-kawża kienet għadha pendenti. Brian Cardona min-naħa tiegħu nnega li l-bieb huwa mbarrat bil-ġebel (*fol.* 168), xhieda assolutament kontradetta kemm mill-fatt li ġew esebiti ritratti li juru li l-aċċess għall-fond ġie mbarrat bil-ġebel, u kemm mix-xhieda ta' James Cardona li kkonferma li kienu hu u l-attur li mbarraw il-bieb bil-ġebel.

**ii.** Għalkemm in kontro-eżami l-attriċi nnegat li tkun ta' spiss fil-ħanut ta' uliedha, u ssostni li minħabba d-dipressjoni li tbati minnha hija tkun fil-maġġior parti d-dar, James Cardona xehed in kontro-eżami li ommu tmur kuljum (*fol.* 147) fil-ħanut tagħhom tieħu kafe`.

**iii.** Brian Cardona xehed li l-konvenut ma kienx mar iżur lil missierhom l-isptar meta kien weġġa` (*fol.* 168), u dan a kuntrarju ta' dak li qal fl-affidavit tiegħu (*fol.* 74). Din ix-xhieda hija kontradetta wkoll mix-xhieda ta' ħuh James Cardona li xehed li ommhom kienet qaltlu li l-konvenut, li apparentament irreferiet għalih bħala "l-ieħor" kien mar l-isptar, għalkemm dam biss għal xi ħames minuti.

16. Bħala prova tal-attitudni ħażina tal-konvenut lejhom l-atturi preżentaw folja mid-djarju tiegħu tas-sena 1999/2001 fejn il-konvenut esprima ħsibijiet xejn sbieħ dwar ħutu u xi terzi persuni. Eventwalment

ġie mbagħad esebit id-djarju kollu. Din il-Qorti qrat id-djarju tal-konvenut u tinnota li fi djarju sħiħ hemm żewġ entrati biss fejn il-konvenut esprima ħsibijiet negattivi dwar ħutu. Ikkonsidrat li meta kien qiegħed jikteb fid-djarju tiegħu l-konvenut kien mingħalih li qiegħed jesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħu b'mod privat, u għalhekk żgur li kien iħossu liberu jesprimi ċertu ħsibijiet koroh, il-Qorti tqis li żewġ entrati ta' dan it-tip ma jirrappreżentawx il-provi inkonfutabbli tal-imġieba ħażina tal-konvenut li jippretendu l-atturi. Il-Qorti rat ukoll li f'numru ta' entrati f'dan id-djarju l-konvenut kien jikteb abbozzi ta' ittra jew kartolini biex jagħti lit-tfajla tiegħu (li issa hija martu) fejn il-konvenut kien jesprimi dispjaċir dwar il-mod kif hija kienet tiġi trattata mill-familja tiegħu u jiskuża ruħu magħha għall-problemi li kienu jikkawżawlhom il-ġenituri tiegħu. F'entrata oħra fejn il-konvenut għamel elenku ta' ħmistax-il xewqa li kellu, huwa ddedika tlieta minn dawn għar-relazzjoni ta' bejn il-ġenituri tiegħu u t-tfajla tiegħu, billi xtaq li l-ġenituri tiegħu jsiru jħobbuha, li l-ġenituri tiegħu jieqfu jgħidu affarijiet koroh dwarha u l-ġenituri tiegħu jkunu ferħana bir-relazzjoni tiegħu magħha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn l-entrati fid-djarju tal-konvenut, li nkitbu *a tempo vergine* u żgur qabel ma kien hemm xi ħsieb ta' proċeduri ġudizzjarji, jikkorroboraw ferm it-teżi tal-konvenut li l-problemi bejn il-partijiet inqalgħu għaliex il-ġenituri tiegħu ma aċċettawx lil martu u huma attribwibbli lill-atturi.

17. Il-Qorti tosserva wkoll li mix-xhieda tal-konvenut u ta' martu jirriżulta li wara li l-konvenut beda r-relazzjoni tiegħu ma' martu kien hemm diversi nċidenti bejn il-konvenut u missieru, preċipitati minn missieru, inkluż drabi fejn missier il-konvenut kien jobżoqlu jekk jiltaqgħu barra u wkoll inċidenti fejn missier il-konvenut kien ħebb għalih li kien wassal lill-konvenut u martu biex ma jistiednux lill-atturi għat-tieġ tagħhom minħabba biża li jinqala' l-inkwiet. Il-Qorti tosserva li l-attur ma xehed fl-ebda stadju sabiex jirrispondi għal dawn l-allegazzjonijiet tal-konvenut jew biex jagħti l-verżjoni tiegħu, minkejja li dawn huma allegazzjonijiet ta' mġieba partikolarment ċensurabbli minn missier lejn ibnu. Kif diġa` ntqal, il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut hija aktar kredibbli minn dik tal-atturi u għalhekk ma ssib l-ebda raġuni għalfejn ma taċċettax din ix-xhieda tal-konvenut.

18. Il-Qorti tosserva li skont il-ġurisprudenza l-inadempjenza għandha verament tkun imputabbli lill-parti li jkun qiegħed jiġi akkużat biha sabiex tkun tista' treġi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kwalunke mpossibilita` min-naħa tal-konvenut li jonora l-obbligi assunti minnu fil-kuntratt ta' donazzjoni hija primarjament u fil-maġġior parti imputabbli lill-atturi, u għalhekk ma tistax tintuża bħala raġuni sabiex jiġi rexxiss dan il-kuntratt. Il-Qorti tinnota wkoll li l-konvenut minn dejjem esprima l-volonta tiegħu li jonora l-obbligi kuntrattwali tiegħu. Filfatt, meta l-atturi kienu nterpellaw, permezz ta' qassis, lill-konvenut sabiex jersaq għar-rexxissjoni tal-

kuntratt ta’ donazzjoni, il-konvenut kien esprima mal-qassis ix-xewqa tiegħu li titranġa r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet u kien ukoll bagħat ittra datat 1 ta’ Lulju, 2005 (*fol.* 108) fejn ikkonferma li huwa kien lest li jippresta is-servizzi, kura u assistenza li setgħu jeħtieġu l-atturi. F’din l-ittra l-konvenut talab li “ma jiġix molestat jew mhedded la minnkom u lanqas minn membri oħra tal-familja tagħkom” u li ma jkunx hemm “theddid jew molestji kontra tiegħu jew martu fi kwalunkwe żmien u taħt kwalunkwe ċirkostanzi” u talab ukoll li l-atturi jneħħu l-ostakoli li kien hemm għall-aċċess għall-fond mibni fuq l-arja donata lilu. Il-Qorti tqis li dawn il-‘kondizzjonijiet’, jekk wieħed jista’ jsejħilhom hekk, huma raġonevoli u aċċettabbli, għaliex il-fatt li l-atturi taw donazzjoni lill-konvenut ma jagħtihomx id-dritt li jabbużaw verbalment lilu jew lil martu. Anke fil-mori ta’ dawn il-proċeduri il-konvenut baqa’ jinsisti li huwa minn dejjem kien, u għadu sa issa lest li jippresta s-servizzi li jista’ talvolta jkollhom bżonn il-ġenituri tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis li ma jirriżultax li n-nuqqas tal-konvenut li jippresta servizzi lill-atturi huwa imputabbli lilu kif jikkontendu l-atturi.

19. Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-atturi, il-Qorti tosserva li l-atturi ressqu talbiet speċifiċi, u ċioe` biex il-Qorti “1. tiddikjara illi huwa [b’referenza għall-konvenut] ma wettaqx u mhux qiegħed iwettaq l-obbligu li huwa assuma li jwettaq fil-kuntratt datat 26 ta’ Mejju, 1999 u senjatament ma huwiex jippresta dawk is-servizzi, kuri u assistenzi lill-

atturi u li huwa ntrabat li jagħmel" u "2. konsegwentement tirrexxindi dan il-kuntratt ta' donazzjoni fir-rigward tal-konvenut." Il-Qorti tqis li minn dawn it-talbiet huwa ċar li l-atturi kienu qed jibbażaw il-kawża tagħhom fuq l-allegat nuqqas tal-konvenut li jonora l-obbligi assunti minnu fil-kuntratt ta' donazzjoni u mhux ukoll a bażi ta' ingratitudni skont l-Artikolu 1787 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma ordnatx il-ħall tad-donazzjoni minħabba l-allegata ingratitudni u moħqrija kommessa mill-konvenut.

20. *Detto* dan il-Qorti tqis li huwa ċar mill-kuntratt ta' donazzjoni li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-partijiet li d-donazzjoni in kwistjoni tkun waħda gratuita u mill-assjem tal-provi din il-Qorti tifhem li f'dan l-istadju ftit li xejn hemm tama li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet titjieb b'mod li l-konvenut ikun f'pożizzjoni li jirrendi s-serviġi prospettati f'dan il-kuntratt meta l-atturi jiġu bżonnhom. Mill-kondizzjoni imposta mill-atturi fuq il-konvenut li jipprestalhom kwalunkwe kura u servizzi jkunu jeħtieġu jirriżulta manifestament u mingħajr ebda ombra ta' dubju li d-donazzjoni in kwistjoni hija waħda oneruża. Dan speċjalment ikkonsidrat ukoll li din il-kondizzjoni ġiet imposta mill-atturi meta kienu għadhom ta' eta\` relattivament żgħira, u ċioe\` fil-ħamsinijiet, u għalhekk evidentement kienu qed jagħmlu din id-donazzjoni biex jaċċertaw ruħhom li jkollhom min idur bihom meta eventwalment jkunu jeħtieġu. Għalhekk mhuwiex possibbli għal din il-Qorti li tmur kontra x-xewqat tal-kontraenti u

effettivament tibdel donazzjoni oneruża għal waħda gratuita. Ikkonsidrat li fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemmx raġuni valida sabiex il-kuntratt ta' donazzjoni jiġi rexxiss, il-Qorti tqis li biex issir ġustizzja bejn il-partijiet il-konvenut għandu jħallas lill-atturi somma li tagħmel tajjeb għall-fatt li s-sitwazzjoni hi tali li l-obbligazzjoni tal-konvenut naxxenti mid-donazzjoni ma tistax tiġi mwettqa, għalkemm kif ingħad bi ħtija prinċipali tal-atturi stess.

21. Il-Qorti rat li mill-kuntratt ta' donazzjoni jirriżulta li l-valur tal-proprjeta`, ossia arja fuq garaxx, donata lill-konvenuta ġiet dikjarata fl-istess kuntratt li kellha valur ta' Lm3,500 u ċioe` ċirka €8,274. Ikkonsidrat il-valur tal-proprjeta` kif iddikjarat, u kkonsidrat li kif ingħad jirriżulta li kienu l-atturi stess li taw lok għad-deterjorazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partijiet, il-Qorti tqis li l-konvenut għandu jħallas lill-atturi s-somma ta' €5,000 sabiex jagħmel tajjeb għall-effetti onerużi tad-donazzjoni mogħtija mill-ġenituri tieghu.

Decide

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma limitatament is-sentenza appellata u tordna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-

sentenza sad-data tal-pagament effettiv; b'dan li l-konvenut ma jitlef xejn mill-proprjeta` immobbli mogħtija lilu bl-imsemmija donazzjoni.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu in kwantu għal 75% mill-atturi u in kwantu għal 25% mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da